MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Rikors Numru. 115/2012

**Noel Borg**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Noel Borg fis-16 ta' Mejju 2012 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal ihassar u jirrevoka d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija komunikata lilu b'ittra datata 16 ta' April 2012, stante li hija nulla u bla effett fil-Ligi, u konsegwentement jordna li jsir it-tigdid tal-licenza ta' Gwardjan Privat fil-konfront tieghu, bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tal-Pulizija;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "NB1" sa' Dok. "NB8" a fol. 6 sa' 22 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija permezz ta' liema jopponi ghat-talbiet tar-Rikorrent u jitlob li l-istess

jigu michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent[1], ta' Father Nazzareno Vella[2], ta' Joe Attard[3] u ta' Alfred Abela[4] moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Settembru 2012, sema' x-xhieda ta' Lieutenant Carmel Mercieca[5] u ta' l-Ispettur Silvana Zrinzo Azzopardi[6] moghtija waqt is-seduta tat-30 ta' Ottubru 2012 u ra d-dokumenti esebiti mill-Ispettur Zrinzo Azzopardi markati Dok. "SZ1" sa' Dok. "SZ6" a fol. 54 sa' 59 tal-process, ra il-Fedina Penali tar-Rikorrent esebita mill-Kummissarju tal-Pulizija permezz ta' Nota pprezentata fis-6 ta' Frar 2013 a fol. 68 u 69 tal-process;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

B'ittra datata 16 ta' April 2012 ir-Rikorrent gie infurmat mill-Ispettur Silvana Zrinzo Azzopardi ghan-nom tal-Kummissarju tal-Pulizija li *b'referenza ghall-applikazzjoni tieghek ghal-licenza ta' Gwardjan Privat, jiddispjacini ninfurmak illi t-talba tieghek ma tistax tigi milqugha skond l-Artikolu 10(a)(i) u (iii) ta' l-Att XIII ta' l-1996.* Ir-Rikorrent jikkontesta din id-decizjoni u jitlob li tigi revokata u minflok isir it-tigdid ta' licenza ta' Gwardjan Privat fil-konfront tieghu in bazi ghal numru ta' aggravji, ossia li: (i) ghalkemm fl-ittra ta' rifjut hemm citat l-Artikolu 10(a)(i) u (iii) ta' l-Att XIII ta' l-1996, imkien fl-istess ittra ma hemm indikati x'inhuma l-fatti li a bazi taghhom l-applikazzjoni tieghu giet michuda, liema fatti in verità huma konnessi in kwantu jikkoncernaw l-istess fatt; (ii) ir-reat li tieghu huwa nstab hati fil-verità ma jistax jitqies bhala "delitt gravi" kif intiz fl-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta u dana anke kif johrog ferm car mis-sentenza tal-Qorti tal-

[1] Fol. 42 sa' 45 tal-process.
[2] Fol. 46 sa' 47 tal-process.
[3] Fol. 48 u 49 tal-process.
[4] Fol. 50 sa' 52 tal-process.
[5] Fol. 60 u 61 tal-process.
[6] Fol. 62 u 63 tal-process.

Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Noel Borg” deciza fil-15 ta’ Mejju 1998; (iii) ghalkemm id-delitt ta’ traffikar ta’ droga huwa delitt serju, ma huwiex delitt kontra l-persuna jew kontra l-proprjetà kif jitlob l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta’ Malta, u konsegwentement ghalhekk it-talba tieghu ma setghetx tigi michuda in bazi ghall-imsemmi artikolu tal-Ligi; (iv) id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija hija rragjonevoli u nieqsa minn kull motivazzjoni u raguni u ghalhekk hija nulla; u (v) l-applikazzjoni tieghu kienet timmerita konsiderazzjoni mahsuba u meqjusa partikolarment fid-dawl tal-fatt li illum hemm iktar inklinazzjoni lejn il-korrezzjoni u rrjabilitazzjoni milli lejn il-gustizzja retributtiva, u fi kwalunkwe kaz huwa gab prova sufficjenti li rriforma ruhu u huwa bniedem ta’ responsabilità u li jista’ jigi fdat. Waqt it-trattazzjoni orali ir-Rikorrent issolleva punt iehor, u cioè li huwa ilu jahdem bhala *security* mill-1998 u ghalhekk ghandu dritt kwezit li ghandu jigi rispettat u osservat mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Kummissarju tal-Pulizija da parte tieghu jikkontesta l-appell intavolat mir-Rikorrent u jitlob li t-talbiet tieghu jigu michuda stante li infondati fil-fatt u fid-dritt, u dana billi: (i) fil-konsiderazzjoni ta’ applikazzjoni ghall-hrug jew tigdid ta’ licenza ta’ Gwardjan Privat, partikolarment fil-kuntest ta’ l-Artikolu 10(a) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Kummissarju tal-Pulizija ma ghandu l-ebda diskrezzjoni. Jekk wahda jew iktar mic-cirkostanzi stipulati fl-imsemmi artikolu tal-Ligi tissussisti, kif gara fil-kaz in ezami, huwa ghandu jichad it-talba ghall-hrug jew tigdid ta’ licenza ta’ Gwardjan Privat; (ii) kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent, ir-reat ta’ traffikar u pussess ta’ droga, ir-reat li tieghu instab hati u gie ikkundannat ir-Rikorrent, huwa delitt gravi li jaqa’ appuntu taht l-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta’ Malta; (iii) apparte minn hekk ir-Rikorrent kien gie imkecci mill-Forzi Armati ta’ Malta, liema fatt – anke jekk nascenti mir-reat ta’ traffikar u pussess ta’ drogi – necessarjament iwassal ghac-cahda tat-talba tieghu a tenur ta’ l-Artikolu 10(a)(iii) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta’ Malta; (iv) l-interpretazzjoni da parte tar-Rikorrent ta’ l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta’

Malta – fis-sens illi r-reat ta’ traffikar u pussess ta’ droga ma huwiex reat kontra l-persuna jew il-proprjetà – hija ghal kollox infondata w in verità l-imsemmi artikolu tal-Ligi ma jhalli ebda lok ghal interpretazzjoni stante li huwa ferm car; (v) ic-citazzjoni mis-sentenza ta’ dan it-Tribunal fl-ismijiet “Anton Mario Sciberras v. Kummissarju tal-Pulizija” deciza fis-26 ta’ April 2012 ma tapplikax fil-kaz in ezami stante li dik l-osservazzjoni tat-Tribunal kienet saret fir-rigward ta’ l-Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta’ Malta li jittratta dwar rifjut fl-interess pubbliku; (vi) kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent, id-decizjoni tieghu tas-16 ta’ April 2012 hija msejsa fuq fatti u r-rifjut inhareg ai termini tal-Ligi li tikkostringi lill-Kummissarju tal-Pulizija li jichad talba ghall-hrug jew tigdid ta’ licenza ta’ Gwardjan Privat kemm-il darba fil-kaz in ezami jirrizultawlu c-cirkostanzi hekk stipulati fil-Ligi; u (vii) ic-cahda ta’ l-applikazzjoni tar-Rikorrent ghall-hrug ta’ licenza ta’ Gwardjan Privat ma hijiex forma ta’ retribuzzjoni fil-konfront tieghu izda hija biss rizultat tal-fatt li huwa ma jikkwalifikax ghall-hrug ta’ tali licenza.

L-Artikolu 10(a)(i) u (iii) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta’ Malta in bazi ghal liema giet michuda l-applikazzjoni tar-Rikorrent ghall-licenza ta’ Gwardjan Privat jipprovdi li *il-Kummissarju ghandu jirrifjuta applikazzjoni f’kull wahda mic-cirkostanzi li gejjin: (a) meta l-applikant jew xi ufficjal ta’ l-applikant jew persuna ohra li jkollha kontroll tas-servizzi li jkunu se jigu provduti mill-applikant – (i) tkun instabet hatja f’Malta jew x’imkien iehor ta’ xi delitt kontra s-sigurtà ta’ l-istat, jew ta’ omicidju volontarju jew ta’ offiza gravi fuq il-persuna jew ta’ xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeccedi elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta’ xi delitt kontra l-fiducja pubblika jew ta’ xi delitt gravi iehor; jew ... (iii) tkun tkecciet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizzi tal-habs minhabba xi reat jew xi nuqqas iehor fl-imgieba*.

Minn dan l-artikolu tal-Ligi huwa evidenti li l-Kummissarju tal-Pulizija ftit li xejn ghandu diskrezzjoni fid-decizjoni li jiehu fir-rigward ta’ talba li ssirlu ghall-hrug jew tigdid ta’ licenza ta’ Gwardjan Privat kemm-il darba fil-kaz in ezami

jirrizultawlu wahda jew iktar mic-cirkostanzi hemm elenkati. L-uniku ezercizzju ta' diskrezzjoni li jista' jaghmel fl-applikazzjoni ta' l-imsemmija provvedimenti tal-Ligi huwa wiehed limitat u biss fir-rigward ta' dak li ghandu jitqies bhala *delitt gravi iehor* ghall-fini tas-subparagrafu (a)(i) ta' l-Artikolu 10. Huwa proprju fuq dan il-punt li r-Rikorrent jibbaza l-appell tieghu mid-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija komunikata lilu bl-ittra datata 16 ta' April 2012, in kwantu jikkontendi li fil-kaz in ezami r-reat li bih gie akkuzat u li tieghu instab hati, ghad illi kien reat ta' traffikar u pussess ta' droga, ma kienx delitt daqshekk gravi daqs kemm jista' jidher ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, u fi kwalunkwe kaz minn dak iz-zmien 'l hawn huwa rriforma ruhu, hekk kif irnexxielu jipprova permezz ta' diversi xhieda u dokumenti minnu prodotti.

Ghalkemm meta nstab hati tar-reati addebitati lilu – fosthom ir-reati ta' traffikar u pussess ta' droga kokajina – ir-Rikorrent wehel piena minima ta' sitt xhur habs u Lm200 multa in bazi ghall-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali illi *in sintesi jirrizulta li l-imputat odjern kien sab ruhu f'cirku vizjuz fejn biex jissodisfa l-bzonnijiet tieghu ta' tossikodipendent kellu jsib ruhu jittraffika l-istess droga a gwadann ta' terzi; Illi l-fatti ezaminati u mertu ta' din il-procedura huma mhux biss abbundantement ipprovati fil-konfront ta' l-imputat izda anke mix-xhieda tieghu stess kemm fil-Qorti u lill-Pulizija l-imputat jidher li refa' ir-responsabbiltajiet tieghu kollha minghajr tlaqlieq; Illi jigi nnotat li din hi l-ewwel pass lejn l-katarsi personali u li din il-Qorti hi kompjacenti; ... li l-imputat mill-ewwel ikkollabora mal-Pulizija tant li fil-fatt l-istess Pulizija issa qed issahhah il-posizzjoni taghha fil-konfront ta' traffikanti aktar perikoluzi*, b'daqshekk ma jistax jinghad li r-reati li taghhom instab hati – fosthom ir-reat ta' traffikar ta' droga kokajina – ma humiex reati gravi. Il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienu konsiderazzjonijiet marbuta mal-mitigazzjoni tal-piena li kellha tigi imposta fuq ir-Rikorrent minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz izda bl-ebda mod ma jistghu jittiehdu fis-sens li dik il-Qorti kienet qed, u

li dan it-Tribunal ghandu per konsegwenza, timminimizza s-serjetà u l-gravità tar-reati in kwistjoni.

It-Tribunal in fatti assolutament ma jaqbilx mar-Rikorrent li r-reati imwettaq minnu u li taghhom nstab hati – fosthom ir-reat ta' traffikar u pussess tad-droga kokajna – ma ghandhomx jitqiesu bhala *delitt gravi iehor* fil-kuntest ta' l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, u fil-fehma Tieghu l-Kummissarju tal-Pulizija gustament ikkonsidra li dawk ir-reati huma tali li jipprekludu lir-Rikorrent milli jikkwalifika ghall-hrug ta' licenza ta' Gwardjan Privat f'ismu a tenur ta' l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-interpretazzjoni li r-Rikorrent jaghti ta' l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, fis-sens illi dan l-artikolu tal-Ligi jittratta dwar reati kontra l-persuna jew kontra l-proprjetà u reat marbut mad-droga ma jaqax taht ebda wahda minn dawn iz-zewg kategoriji ta' reati bil-konsegwenza ghalhekk li il-Kummissarju tal-Pulizija qatt ma seta' jichadlu t-talba ghall-hrug ta' licenza ta' Gwardjan Privat in bazi ghal dan il-provvediment tal-Ligi, hija zbaljata w ibbazata fuq analizi superficjali ta' l-istess provvediment tal-Ligi.

Jibda biex jigi osservat illi minn qari ta' l-imsemmi provvediment tal-Ligi – già iktar 'l fuq citat – jirrizulta immedjatament evidenti li l-Legislatur stabilixxa diversi kategoriji ta' delitti bhala bazi ghal cahda ta' talba ghall-hrug jew tigdid ta' licenza ta' Gwardjan Privat a tenur ta' dak l-istess provvediment, u dawn huma: (a) delitt konta s-sigurtà ta' l-istat; (ii) delitt ta' omicidju volontarju jew offiza gravi fuq il-persuna; (iii) delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeccedi €2,329.37 jew bil-vjolenza; (iv) delitt kontra l-fiducja u (v) delitt gravi iehor. Kwindi ma humiex biss ir-reati kontra il-persuna jew ir-reati kontra l-proprjetà li huma kontemplati bl-imsemmi provvediment tal-Ligi. Jigi ribadit ghalhekk li kemm-il darba lill-Kummissarju tal-Pulizija tirrizultalu kundanna ghal wiehed jew iktar minn dawn ir-reati fil-kuntest ta' talba ghall-hrug jew tigdid ta' licenza ta' Gwardjan Privat – inkluz kull delitt gravi iehor, hekk kif gustament gew karatterizzati r-reati li

taghhom instab hati r-Rikorrent – huwa ghandu jichad it-talba. Ghalhekk minn dan l-aspett ukoll il-pretensjoni tar-Rikorrent li d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija in kwantu bbazata fuq l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta ma hijiex gusta u korretta, ma tirrizultax gustifikata u b'hekk ma tisthoqqx tigi milqugha.

Apparte dak appena osservat u anke kieku stess fl-ahjar ipotesi ghar-Rikorrent kellu jitqies li r-reati li taghhom instab hati ma humiex delitti gravi ghall-finijiet ta' l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, u li fi kwalunkwe kaz illum irriforma ruhu, hemm fattur iehor li huwa ta' ostakolu ghas-success tat-talbiet tieghu, u cioè il-fatt li huwa tkecca mill-Forzi Armati ta' Malta, cirkostanza din li taqa' taht l-Artikolu 10(a)(iii) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta u raguni ulterjuri moghtija mill-Kummissarju tal-Pulizija ghar-rifjut tat-talba tar-Rikorrent.

F'dan il-kaz il-Kummissarju tal-Pulizija ma ghandu ebda diskrezzjoni: jekk jirrizultalu li l-applikant kien persuna li tkecca mill-Forzi Armati ta' Malta minhabba reat – kien liema kien – jew minhabba nuqqas iehor fl-imgieba, allura huwa ghandu jichad it-talba ghall-hrug jew tigdid ta' licenza ta' Gwardjan Privat. Mill-provi prodotti mill-Kummissarju tal-Pulizija jirrizulta li fiz-zmien meta kien qed jikkonsidra l-applikazzjoni tar-Rikorrent ingab a konjizzjoni tieghu l-fatt li ir-Rikorrent kien tkecca mill-Forzi Armati ta' Malta[7] u konsegwentement ghalhekk ghadda biex jichad it-talba tar-Rikorrent hekk kif rikjest li jaghmel ai termini tal-Ligi.

It-test tal-Ligi huwa car u ma hemm lok ghal ebda interpretazzjoni jew ezercizzju ta' diskrezzjoni la, kif già inghad, da parte tal-Kummissarju tal-Pulizija u lanqas da parte ta' dan it-Tribunal. Ladarba lil dan it-Tribunal irrizultalu – tramite x-xhieda ta' Lieutenant Carmel Mercieca waqt is-seduta tat-30 ta' Ottubru 2012[8] - li r-Rikorrent tkecca mill-Forzi Armati ta' Malta minhabba li kien jabbuza mid-droga, agir dan mhux permissibbli fi hdan l-Armata, huwa necessarjament ghandu jasal ghall-

[7] Dok. "SZ4" a fol. 57 u 58 tal-process.
[8] Fol. 60 u 61 tal-process.

konkluzzjoni li fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 10(a)(iii) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta l-Kummissarju tal-Pulizija gustament cahad it-talba tar-Rikorrent ghat-tigdid ta' licenza ta' Gwardjan Privat anke a bazi ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi.

Waqt it-trattazzjoni orali r-Rikorrent issottometta li ladarba ilu jahdem bhala *security* sa' mill-1998, huwa ghandu dritt kwezit u l-Kummissarju tal-Pulizija ma jistax icahhdu mid-dritt ghal licenza ta' Gwardjan Privat. Fil-fehma tat-Tribunal dan l-argument tar-Rikorrent huwa kompletament bla bazi ghaliex kuntrarjament ghal dak minnu pretiz huwa ma ghandu l-ebda dritt kwezit li b'mod jew iehor jehtieg li jigi rispettat u osservat mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Sabiex ikun hemm dritt kwezit jehtieg li jkun hemm agir konformi mal-Ligi u mal-provvedimenti legali li jirregolaw is-settur partikolari, f'dan il-kaz is-settur ta' Gwardjani Privati. L-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali, Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, gie introdott bl-Att XIII ta' l-1996 u fl-Artikolu 3 dak l-Att già kien jipprovdi li *ebda persuna ma ghandha tahdem bhala agenzija ta' gwardjani privati jew bhala gwardjan privat jew hekk toffri s-servizzi taghha, kemm-il darba dik il-persuna ma jkollhiex licenza skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.* Dwar ir-rifjut ta' hrug ta' licenza l-Att XIII ta' l-1996 già kien jipprovdi fl-Artikolu 10 li *l-Kummissarju ghandu jirrifjuta applikazzjoni f'kull wahda mic-cirkostanzi li gejjin: (a) meta l-applikant jew xi ufficjal ta' l-applikant jew persuna ohra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jigu provduti mill-applikant – (i) tkun instabet hatja f'Malta jew x'imkien iehor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiza volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiducja pubblika jew ta' xi delitt gravi iehor; jew (ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qaghda finanzjarja taghha tkun prekarja jew xort' ohra taghmel lill-applikant mhux addatt; jew (iii) tkun tkecciet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizzi tal-habs minhabba xi reat jew xi nuqqas iehor fl-imgieba; jew (iv) tkun ufficjal pubbliku jew membru tal-pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizzi tal-habs; jew (b) meta dan jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jirrifjuta dik il-licenza; jew (c) meta l-applikant*

*ma jkollux il-kwalifiki mehtiega kif jista' jkun preskritt b'dan l-Att jew tahtu*.

Minn dan jirrizulta ghalhekk li sa' mill-promulgazzjoni ta' l-Att dwar il-Gwardjani Privati u Lokali, persuna li trid tahdem bhala Gwardjan Privat irid ikollha licenza debitament mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u li hekk kif giet pronuncjata s-sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-15 ta' Mejju 1998, ir-Rikorrent ma baqghax jikkwalifika ghall-licenza ta' Gwardjan Privat u kwalunkwe talba ghal tigdid ta' tali licenza necessarjament kienet se tigi michuda – kif fil-fatt jidher li gara bir-rifjut li già kien inhareg fil-konfront tar-Rikorrent fis-27 ta' Jannar 2003[9]. Konsegwentement ghalhekk il-fatt tul dan iz-zmien kollu r-Rikorrent baqa' jahdem bhala *security* minghajr licenza, u b'hekk mhux in konformità mal-Ligi, certament ma jaghtih l-ebda dritt kwezit li jrid jigi rispettat u osservat mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Fir-rigward tas-sottomissjoni tar-Rikorrent li d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija komunikata lilu bl-ittra tas-16 ta' April 2012, hija nulla u bla effett fil-Ligi stante li ma hijiex sufficjentement motivata u ma taghtix ragunijiet in bazi ghal liema t-talba tieghu ghall-hrug ta' licenza ta' Gwardjan Privat giet michuda, it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak minnu osservat fis-sentenza fl-ismijiet **David Vincenti v. Kummissarju tal-Pulizija, Rik. Nru. 275/11** deciza fl-4 ta' April 2013 fir-rigward ta' sottomissjoni simili: *Kif gustament osservat mir-Rikorrent, ai termini ta' l-Artikolu 11(1) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta jekk il-Kummissarju jirrifjuta li johrog licenza lill-applikant biex jahdem bhala agenzija ta' gwardjani privati jew bhala gwardjan privat, dan ghandu minnufih jikkomunika bil-miktub dik id-decizjoni lill-applikant fejn jaghtih ir-raguni ghal dak ir-rifjut: Izda f'kaz ta' rifjut taht l-artikolu 10(b), ikun bizzejjed li jiddikjara li l-licenza tkun giet rifjutata fl-interess pubbliku. Minn dan il-provvediment tal-Ligi johrog car li f'kaz ta' rifjut ta' talba ghall-hrug jew tigdid ta' licenza ta' Gwardjan Privat il-Kummissarju tal-*

---

[9] Dok. "SZ1" a fol. 54 tal-process.

*Pulizija ghandu jaghti indikazzjoni cara tar-raguni in bazi ghal liema t-talba relattiva tkun qed tigi michuda. Dan ifisser ghalhekk – kuntrarjament ghal dak pretiz mill-Kummissarju tal-Pulizija fir-Risposta tieghu – illi s-semplici indikazzjoni generika ta' l-Artikolu tal-Ligi fuq liema l-Kummissarju tal-Pulizija jkun qed jibbaza r-rifjut tieghu, anke fejn si tratta ta' rifjut fl-interess pubbliku, ma tissodisfax ghal kollox dak provdut fil-Ligi. Ghalkemm is-semplici indikazzjoni generika ta' l-Artikolu tal-Ligi fuq liema il-Kummissarju tal-Pulizija jkun ibbaza r-rifjut tieghu ma twassalx ghan-nullità tad-decizjoni, huwa rakkomandabbli illi fil-futur il-Kummissarju tal-Pulizija ma jillimitax ruhu li jikkwota biss l-Artikolu tal-Ligi fuq liema jkun ibbaza r-rifjut tieghu izda, li jindika r-raguni partikolari fuq liema jkun qed jibbaza tali rifjut. B'hekk fejn ic-cahda tkun ibbazata fuq l-Artikolu 10(a) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Kummissarju tal-Pulizija ghandu jindika liema wahda jew iktar mis-sitt cirkostanzi tkun qed tigi applikat fil-konfront ta' l-applikant u fejn ic-cahda tkun ibbazata fuq l-Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta jghid b'mod car li t-talba tkun qed tigi rifjutata fl-interess pubbliku. In-necessità li awtorità pubblika – f'dan il-kaz il-Kummissarju tal-Pulizija – taghti indikazzjoni cara tar-raguni ghar-rifjut ta' talba partikolari mressqa quddiemha tirrizulta minn dak osservat fil-ktieb "Administrative Law" ta' H.W.R. Wade u C.F. Forsyth (10th Edition) fejn jinghad illi the principles of natural justice do not, as yet, include any general rule that reasons should be given for decisions. Nevertheless there is a strong case to be made for the giving of reasons as an essential element of administrative justice. The need for it has been sharply exposed by the expanding law of judicial review, now that so many decisions are liable to be quashed or appealed against on grounds of improper purpose, irrelevant considerations and error of law of various kinds. Unless the citizen can discover the reasoning behind the decision, he may be unable to tell whether it is reviewable or not, and so he may be deprived of the protection of the law. A right to reasons is therefore an indispensable part of a sound system of judicial review. Natural justice may provide the best rubric for a healthy discipline for all who exercise power over others. Given that statute now*

*frequently requires reasons or it is clear that the common law requires reasons, disputes often concern whether the reasons given are adequate. In the leading case the House of Lords has said that: "The reasons for a decision must be intelligible and they must be adequate. They must enable the reader to understand why the matter was decided as it was and what conclusions were reached on the 'principal important controversial issues', disclosing how any issue of law or fact was resolved. Reasons can be briefly stated, the degree of particularity required depending entirely on the nature of the issues falling for decision. The reasoning must not give rise to a substantial doubt as to whether the decision-maker erred in law, for example by misunderstanding some relevant policy or some other important matter or by failing to reach a rational declaration on relevant grounds. But such adverse inference will not readily be drawn. The reasons need refer only to the main issues in the dispute, not to every material consideration. Decision letters must be read in a straightforward manner, recognizing that they are addressed to parties well aware of the issues involved and the arguments advanced [South Bucks District Council v. Porter (No.2) (2004) UKHL 33, (2004)][10]. Ghalkemm dan il-principju gie enuncjat fil-kuntest tad-Dritt Amministrattiv Ingliz ma' hemmx dubju li japplika wkoll ghas-sistema nostrali u ghalkemm reasons can be briefly stated mill-awtorità pubblika koncernata u decision letters must be read in a straightforward manner, recognising that they are addressed to parties well aware of issues involved and arguments advanced, xorta huwa desiderabbli li f'kaz ta' molteplicità ta' ragunijiet li jistghu jwasslu lill-awtorità ghad-decizjoni taghha, ir-raguni specifika fuq liema dik id-decizjoni tkun ibbazata tigi debitament indikata. Nonostante dak appena osservat, it-Tribunal ma jaqbilx mas-sottomissjoni tar-Rikorrent li fil-kaz in ezami d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija in kwantu ibbazata fuq l-Artikolu 10(a) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta hija ingusta u mhux sostanzjata ghaliex ma giex indikat b'mod preciz liema wahda mis-sitt cirkostanzi elenkati f'dak l-artikolu tal-Ligi giet applikata fil-konfront*

[10] Chap.14 The Right to a Fair Hearing – pg. 436, 439 u 440.

*tieghu. Mill-atti processwali u mill-provi prodotti mir-Rikorrent stess jirrizulta li ghalkemm fl-ittra tas-16 ta' Novembru 2011 gie indikat biss l-Artikolu 10(a) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa fehem li r-raguni dedotta kontra tieghu kienet dik indikata fis-subparagrafu (vi) ta' l-Artikolu 10(a) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè li instab hati f'Malta jew x'imkien iehor ta' xi reat li jaffetwa l-bon ordni tal-familji.*

Dawn l-osservazzjonijiet japplikaw pjenament fil-kaz in ezami, partikolarment ghaliex f'dan il-kaz ta' l-inqas gew indikati is-subparagrafi partikolari in bazi ghal liema t-talba tar-Rikorrent giet michuda, u konsegwentement ghalhekk kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija komunikata lilu bl-ittra datata 16 ta' April 2012 ma hijiex nulla u bla effett fil-Ligi.

In fine r-Rikorrent jikkontendi wkoll id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija ma tirrispettax il-principji ta' gustizzja naturali u l-principji tad-dritt u kwindi hija nulla u bla effett fil-Ligi, u in sostenn ta' tali pretensjoni jiccita osservazzjoni partikolari maghmula mit-Tribunal fis-sentenza pronuncjata minnu fl-ismijiet "Anton Mario Sciberras v. Kummissarju tal-Pulizija" Rik. Nru. 267/11 deciza fis-26 ta' April 2012. Din il-pretensjoni tar-Rikorrent però ukoll ma tistax tigi milqugha in kwantu ma hijiex gustifikata ghaliex apparte l-fatt li ma huwiex minnu li d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija ma tirrispettax il-principji ta' gustizzja naturali u l-principji tad-dritt, l-osservazzjoni tat-Tribunal fuq liema r-Rikorrent jibbaza din il-pretensjoni saret f'kuntest ghal kollox differenti minn dak odjern u in verità ma ssibx applikazzjoni f'dan il-kaz. In effetti fil-kaz Sciberras v. Kummissarju tal-Pulizija – li fi kwaunlkwe kaz ghadu soggett ghall-Appell – is-sitwazzjoni trattata kienet dik fejn il-Kummissarju interpreta sentenza ta' liberta kondizjonata bhala dikjarazzjoni ta' htija u in bazi ta' hekk ghadda biex jichad it-talba ta' dak l-applikant ghat-tigdid ta' licenza ta' Gwardjan Privat in bazi ghall-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta u in bazi ghall-interess pubbliku ai termini ta' l-Artikolu 10(b) ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi.

Il-kaz in ezami huwa kompletament differenti mill-kaz Sciberras v. Kummissarju tal-Pulizija stante li fil-kaz tar-Rikorrent il-Kummissarju applika b'mod ghal kollox korrett id-disposizzjonijiet tal-Ligi in bazi ghal liema cahad it-talba tieghu ghat-tigdid ta' licenza ta' Gwardjan Privat. B'hekk l-osservazzjoni tat-Tribunal citata mir-Rikorrent fir-Rikors promotur in sostenn tat-tielet aggravju tieghu ma ssibx applikazzjoni ghall-kaz in ezami u ma hi ta' ebda utilità lir-Rikorrent.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-aggravji sollevati mir-Rikorrent kontra d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li jichad it-talba tieghu ghat-tigdid tal-licenza ta' Gwardjan Privat in bazi ghall-Artikolu 10(a)(i) u (iii) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, komunikata lilu bl-ittra datata 16 ta' April 2012, ma humiex gustifikati u b'hekk ma jisthoqqx li jigu milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan l-appell billi jichad it-talbiet tar-Rikorrent kif minnu dedotti fir-Rikors ipprezentat fis-16 ta' Mejju 2012.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mir-Rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------